



Dokument ta' sessjoni

A9-0029/2021

2.3.2021

RAPPORT

dwar miżuri tekniċi u operattivi għal trasport marittimu aktar effiċjenti u aktar nadif
(2019/2193(INI))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Karima Delli

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	14
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	16
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	25
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	26

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar miżuri tekniċi u operattivi għal trasport marittimu aktar effiċjenti u aktar nadif (2019/2193(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew¹,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' Settembru 2020 dwar is-sistema globali tal-ġbir tad-data għad-data dwar il-konsum taż-żejt tal-fjuwil mill-bastimenti²,
 - wara li kkunsidra t-Tielet Studju tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali dwar il-Gassijiet b'Effett ta' Serra³,
 - wara li kkunsidra r-rapport finali tar-Raba' Studju tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet b'Effett ta' Serra⁴,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali adottata f'Diċembru 2019 mill-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-Konvenzjoni ta' Barċellona),
 - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Kummissjoni għall-2019 dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport marittimu,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi⁵,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0029/2021),
- A. billi t-trasport marittimu u l-portijiet għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija tal-UE, peress li kważi 90 % tal-kummerċ estern tal-merkanzija jasal bil-baħar⁶, u għandhom ukoll rwol importanti għat-turiżmu; billi huma kritiċi biex jiġu żgurati ktajjen tal-provvista mingħajr interruzzjoni, kif intwera li kien il-każ matul il-pandemija tal-COVID-19; billi l-impatt ekonomiku totali tas-settur marittimu tal-UE ikkontribwixxa EUR 149 biljun għall-PDG

¹ Testi adottati, P9_TA(2020)0005.

² Testi adottati, P9_TA(2020)0219.

³ https://gmn.imo.org/wp-content/uploads/2017/05/GHG3-Executive-Summary-and-Report_web.pdf

⁴ <https://safety4sea.com/wp-content/uploads/2020/08/MEPC-75-7-15-Fourth-IMO-GHG-Study-2020-Final-report-Secretariat.pdf>

⁵ ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1.

⁶ https://ec.europa.eu/transport/modes/maritime_en

tal-UE fl-2018 u jappoġġja aktar minn 2 miljun impjeg⁷; billi fl-2018 l-impatt ekonomiku dirett tiegħu ammonta għal 685 000 impjeg ibbażat fuq il-baħar u fuq l-art fl-UE; billi 40 % tal-flotta dinjija skont it-tunnellaġġ gross hija kkontrollata mill-UE;

- B. billi t-trasport marittimu tal-merkanzija u tal-passiġġieri huwa fattur ewlieni fil-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE, speċjalment fir-rigward tal-konnettività u l-aċċessibilità mar-reġjuni periferiċi, gżejjer u ultraperiferiċi; billi, f'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-UE tinvesti fil-kompetittività tas-settur marittimu u fil-kapaċità tiegħu li jagħmel it-tranżizzjoni sostenibbli realtà;
- C. billi jenħtieġ li s-settur marittimu tal-UE jikkontribwixxi wkoll biex jiġu indirizzati b'mod determinat it-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, u jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030;
- D. billi oċeani b'saħħithom u l-preservazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tagħhom huma essenzjali għall-bniedem bħala regolaturi tal-klima, bħala produttori ta' mill-inqas nofs l-ossiġenu fl-atmosfera tad-Dinja, bħala ospitanti tal-bijodiversità, bħala sors għas-sigurtà globali tal-ikel u għas-saħħa tal-bniedem, u bħala sors ta' attivitajiet ekonomiċi, inklużi s-sajd, it-trasport, il-kummerċ, it-turiżmu, l-enerġija rinnovabbli u prodotti tas-saħħa, li jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-prinċipju tas-sostenibbiltà;
- E. billi s-settur marittimu huwa settur li huwa regolat kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell internazzjonali u li għadu jiddependi ħafna mill-fjuwils fossili; billi sistema għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport marittimu bħalissa qed tiġi riveduta, bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-tbajr fl-ilmijiet tal-UE;
- F. billi s-settur ilu jagħmel sforzi bla waqfien biex jilħaq il-miri tat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra, billi jikkonforma mal-qafas regolatorju eżistenti u jimplimenta dawk l-iżviluppi teknoloġiċi li saru s'issa;
- G. billi finanzjament adegwat huwa għalhekk essenzjali sabiex tinkiseb din it-tranżizzjoni meħtieġa; billi huwa kruċjali li jsiru aktar riċerka u innovazzjoni sabiex jiġi realizzat trasport marittimu mingħajr emissjonijiet ta' karbonju;
- H. billi t-trasport marittimu internazzjonali jirrilaxxa madwar 940 miljun tunnelli CO₂ kull sena u huwa responsabbli għal madwar 2.5 % tal-emissjonijiet mondjali ta' gassijiet b'effett ta' serra⁸; billi t-trasport marittimu jħalli wkoll impatti fuq l-ambjent billi jikkontribwixxi għat-tibdil fil-klima u permezz ta' sorsi differenti ta' tniġġis, b'mod partikolari t-tneħħija tal-gass, it-tħaddim tal-magni fil-portijiet, l-iskariku tal-ilma tas-saborra, l-idrokarburi, il-metalli tqal u s-sustanzi kimiċi, u l-kontenituri mitlufa fuq il-baħar, li bħala rizzultat jaffettwaw il-bijodiversità u l-ekosistemi; billi r-regolamenti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (International Maritime Organization - IMO) biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-SO_x mill-bastimenti daħlu fis-seħħ għall-ewwel darba fl-2005 fl-ambitu tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-

⁷ Oxford Economics (2020): The Economic Value of the EU Shipping Industry (Il-Valur Ekonomiku tal-Industrija tat-Tbajr tal-UE)

⁸ It-Tielet studju tal-IMO dwar il-gassijiet b'effett ta' serra.

Bastimenti (il-Konvenzjoni MARPOL) u billi l-limiti tal-emissjonijiet tal-SO_x minn dak iż-żmien 'l hawn saru progressivament aktar stretti, u l-kontenut massimu permess ta' kubrit attwalment huwa ta' 0.5 % u fiż-żoni ta' kontroll tal-emissjonijiet huwa ta' 0.1 %; billi din id-deċiżjoni għandha tgħin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet; billi l-IMO mistennija tilħaq qbil dwar regolament globali dwar il-limitazzjoni tal- "emissjonijiet tal-karbonju iswed" fl-2021; billi t-trasport marittimu huwa l-mod ta' trasport l-aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija abbażi tal-ammont ta' merkanzija trasportata u l-emissjonijiet rispettivi għal kull tunnellata ta' merkanzija trasportata u għal kull kilometru vjaġġat;

- I. billi, jekk il-miżuri ta' mitigazzjoni ma jiġux introdotti malajr, l-emissjonijiet mit-trasport marittimu internazzjonali jistgħu jiżdiedu minn madwar 90 % tal-emissjonijiet tal-2008 fl-2018 għal 90 sa 130 % tal-emissjonijiet tal-2008 sal-2050⁹, u b'hekk ma jikkontribwixxux biżżejjed biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi;
- J. billi jeħtieġ li jiġu limitati u indirizzati l-emissjonijiet kollha mis-settur marittimu li huma ta' ħsara għall-kwalità tal-arja u għas-saħħa taċ-ċittadini wara valutazzjoni tal-impatt tal-leġiżlazzjoni rilevanti;
- K. billi jenħtieġ li l-UE tiddefendi livell għoli ta' ambizzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur marittimu kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE;
- L. billi jenħtieġ li t-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet nodfa jiġu adottati għat-tip differenti ta' bastiment u għas-segmenti navali; billi r-riċerka u l-investment u l-appoġġ adegwat huma fundamentali biex jiġu żgurati soluzzjonijiet innovattivi u tranżizzjoni sostenibbli tas-settur marittimu;
- M. billi l-investimenti pubbliċi u privati relatati mad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu jridu jkunu konformi mar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli u mal-prinċipji ewlenin tat-tranżizzjoni ġusta, inklużi l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja, garanziji ta' taħriġ mill-ġdid u ta' riallokazzjoni u miżuri strutturali fil-qasam tas-saħħa u tas-sikurezza għall-ħaddiema kollha, b'konċentrazzjoni partikolari fuq l-oportunitajiet għan-nisa u għall-ħaddiema żgħażaġħ ħalli l-forza tax-xogħol tal-settur marittimu tiġi diversifikata; billi t-taħriġ adegwat u l-kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol tal-persunal marittimu huma fundamentali, fost l-oħrajn biex jiġu prevenuti l-inċidenti, inklużi l-inċidenti ambjentali;
- N. billi l-Kummissjoni bħalissa qed taħdem fuq valutazzjoni tal-impatt fuq l-integrazzjoni tat-trasport marittimu fis-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE (EU ETS);
- O. billi sal-2050 hija meħtieġa tranżizzjoni newtrali għall-klima tas-settur tat-trasport marittimu sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku;

Skemi ta' inċentivi għall-enerġija nadifa

- 1. Jiddeplora t-tfixkil tal-kompetizzjoni fis-suq Ewropew bejn il-fjuwils fossili, li jibbenefikaw minn trattament fiskali aktar favorevoli, u l-fjuwils alternattivi nodfa ġejjin

⁹ Ir-Raba' studju tal-IMO dwar il-gassijiet b'effett ta' serra.

minn sorsi rinnovabbli; jistieden lill-Kummissjoni tirrimedja din is-sitwazzjoni billi tipproponi li tistabilixxi mill-ġdid ir-regoli tal-kompetizzjoni ġusta, billi tapplika għat-trasport marittimu l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u billi tistimula u tkompli tinċentiva aktar, inkluż permezz ta' eżenzjonijiet mit-taxxa, l-użu ta' alternattivi għall-fjuwils tqal li qed inaqqsu b'mod konsiderevoli l-impatt fuq il-klima u l-ambjent fis-settur marittimu;

2. Jirrikonoxxi l-impatt tal-użu taż-żejt tal-fjuwil tqil; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati b'mod effettiv l-emissjonijiet tal-fjuwil mill-bastimenti u li l-użu taż-żejt tal-fjuwil tqil fit-tbaħħir jitneħħa gradwalment, mhux biss bħala fjuwil fih innifsu iżda wkoll bħala sustanza tat-taħlit għall-fjuwils tal-baħar; jinnota l-ħtieġa tan-newtralità teknoloġika sakemm din tkun konsistenti mal-miri ambjentali tal-UE; jinnota li t-trasport marittimu huwa affettwat min-nuqqas ta' kriterji adegwati, armonizzati fil-livell tal-UE, għat-tmiem tal-istatus ta' skart; jenfasizza l-ħtieġa li r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju tiġi prevenuta u li l-kompetittività tas-settur tat-trasport marittimu Ewropew tiġi ppreservata;
3. Ifakkar li s-settur marittimu għandu jikkontribwixxi għall-isforzi li tagħmel l-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, filwaqt li tiġi żgurata l-kompetittività tas-settur; jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir użu mill-għażliet kollha li jistgħu jintużaw faċilment fit-tnaqqis tal-emissjonijiet marittimi, u li jsir investiment f'tali għażliet, inklużi t-teknoloġiji ta' tranżizzjoni bħala alternattivi għaż-żejt tal-fjuwil tqil, b'mod parallel mat-tiftix u l-finanzjament ta' alternattivi fit-tul b'emissjonijiet zero; jirrikonoxxi l-importanza tat-teknoloġiji ta' tranżizzjoni, bħall-LNG u l-infrastruttura tal-LNG, għal tranżizzjoni gradwali lejn alternattivi b'emissjonijiet zero fis-settur marittimu;
4. Ifakkar fl-impenn tal-UE li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol tal-UE bħala mexxejja u l-ħtieġa li t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ tas-settur tat-trasport marittimu jiġi nnegozjat ukoll fil-livell internazzjonali fil-qafas tal-IMO, minħabba d-dimensjoni internazzjonali u kompetittiva tas-settur tat-trasport marittimu; ifakkar fil-pożizzjonijiet preċedenti tal-Parlament dwar l-inklużjoni tat-trasport marittimu fl-EU ETS; jenfasizza f'dan ir-rigward li l-inklużjoni tas-settur marittimu Ewropew fl-EU ETS¹⁰ għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt komprensiva li tqis b'mod adegwat, fost l-oħrajn, il-kompetittività tal-operaturi u n-negozji tal-UE, l-impjiegi fis-settur marittimu, u r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju; jipproponi li l-maġġoranza tal-introjtu tal-ETS relatat mal-attività marittima tmur għall-finanzjament ta' programm ta' tiġdid u ta' modifikar retroattiv tal-flotta kif ukoll għar-riċerka u l-innovazzjoni biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti u jingħata appoġġ lill-investiment f'teknoloġiji u infrastruttura innovattivi u li jiffrankaw l-enerġija għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu tal-UE, inkluż it-trasport marittimu fuq distanzi qosra u l-portijiet, u l-użu ta' fjuwils alternattivi nodfa u investimenti relatati mat-trasport fuq l-ilma;
5. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-influenza tagħha fl-IMO biex jirnexxilha tikseb skema ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju fit-tbaħħir internazzjonali u biex tiżgura perkors realistiku ta' tnaqqis tal-emissjonijiet;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza fl-ambitu tal-inizjattiva FuelEU Marittimu mhux biss l-intensità tal-karbonju tal-fjuwils iżda wkoll il-miżuri tekniċi u operattivi li jsaħħu l-effiċjenza tal-bastimenti u tal-operazzjonijiet tagħhom; ifakkar li, fil-kuntest tar-

¹⁰ Direttiva 2003/87/KE

reviżjoni tar-Regolament (UE) 2015/757, il-Parlament appella lill-kumpaniji tat-trasport marittimu jilhq u objettiv ta' effiċjenza ekwivalenti għal tnaqqis ta' 40 % fl-emissjonijiet sal-2030 bħala medja fuq il-bastimenti kollha taħt ir-responsabbiltà tagħhom, meta mqabbla mal-prestazzjoni medja għal kull kategorija ta' bastimenti tal-istess daqs u tip; iżid li l-inizjattiva għandha tinkludi wkoll approċċ mil-lat taċ-ċiklu tal-ħajja li jintegra l-emissjonijiet kollha tal-gassijiet b'effett ta' serra; jenfasizza li l-fjuwils alternattivi li ma jissodisfawx il-livell limitu tal-REDII -70 % fuq bażi taċ-ċiklu tal-ħajja m'għandhomx ikunu permessi għall-konformità regolatorja;

Portijiet u merkanzija

7. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu inkoraġġiti l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati kollha u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-portijiet, is-settur tat-trasport marittimu u l-fornituri tal-fjuwil u tal-enerġija sabiex jiġi żvilupp qafas ta' politika ġenerali għad-dekarbonizzazzjoni tal-portijiet u taż-żoni kostali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-port jimplimentaw metodi ta' ġestjoni sostenibbli u jiċċertifikawhom permezz ta' metodoloġiji li jinkorporaw l-Analiżi taċ-Ċiklu tal-ħajja tas-servizzi tal-port, bħal dik offruta mid-Dikjarazzjoni Ambjentali dwar il-Prodotti;
8. Jisħaq li t-territorji extra-Ewropej, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej, u l-portijiet li jinsabu fihom, huma ta' importanza kbira għas-sovranità Ewropea u għall-kummerċ marittimu Ewropew u internazzjonali minħabba l-pożizzjoni strateġika tagħhom; jenfasizza li l-fatturi ewlenin tal-investiment għal dawn il-portijiet huma differenti ħafna, minn appoġġ tar-rwol klassiku tagħhom għall-akkoljenza tal-bastimenti (tagħbija, ħatt, ħżin u trasport ta' oġġetti) biex jiġu żgurati konnessjonijiet multimodali, kostruzzjoni ta' infrastruttura relatata mal-enerġija, bini ta' reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-ekoloġizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni ġenerali tal-bastimenti; jitlob investimenti ulterjuri fil-portijiet li jinsabu fit-territorji extra-Ewropej biex jiġu mibdula f'raggruppamenti strateġiċi għat-trasport multimodali, il-ġenerazzjoni, il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-enerġija, kif ukoll it-turiżmu;
9. Jinnota d-dimensjoni transfruntiera tal-portijiet marittimi; jisħaq fuq ir-rwol tal-portijiet bħala raggruppamenti tal-modi kollha tat-trasport, l-enerġija, l-industrija u l-ekonomija blu; jirrikonoxxi ż-żieda fl-iżvilupp tal-kooperazzjoni u r-raggruppament tal-portijiet;
10. Jinnota r-rwol pożittiv tar-raggruppament marittimu Ewropew u l-iżviluppi pożittivi fil-livell internazzjonali biex jingħata appoġġ għall-innovazzjoni u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw inizjattivi li jikkontribwixxu għal dawn l-iżviluppi pożittivi;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja, permezz tal-leġiżlazzjoni, l-objettiv ta' tniġġis zero (emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u sustanzi li jniġġsu l-arja) fl-irmieġ, u tippromwovi l-iżvilupp u l-użu ta' soluzzjonijiet multimodali nodfa fil-portijiet, appoġġjati permezz ta' approċċ "ta' kuritur"; jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, tieħu azzjoni rapida biex tirregola l-aċċess għall-portijiet tal-UE għall-vapuri li jniġġsu l-aktar abbażi tal-qafas tad-direttiva dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port, u tinċentiva u tappoġġja l-użu ta' provvista tal-enerġija minn fuq l-art bl-użu ta' elettriku nadif jew kwalunkwe teknoloġija oħra li tiffranka l-enerġija li għandhom effett konsiderevoli fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja;

jesprimi dispaċir li r-reviżjoni tad-Direttiva 2014/94/UE ġiet posposta; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni tad-Direttiva 2014/94/UE mill-aktar fis possibbli sabiex tinkludi inċentivi kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-portijiet sabiex tiżdied l-installazzjoni tal-infrastruttura meħtieġa; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi wkoll reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji strateġija dwar il-portijiet b'emissjonijiet żero u tappoġġja l-inizzjattivi minn isfel għal fuq, inklużi miżuri li jippromwovu l-iżvilupp ta' industriji portwarji li jispeċjalizzaw fl-ekonomija ċirkolari li, b'mod partikolari, ikunu jiżguraw l-użu aħjar tal-iskart mill-bastimenti li jinġabar u jiġi ttrattat fil-portijiet;
13. Jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi bidla modali lejn it-trasport marittimu fuq distanzi qosra fil-Patt Ekoloġiku, fuq l-istess bażi bħall-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni, bħala alternattiva sostenibbli għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri bit-triq u bl-ajru; jissottolinja r-rwol importanti li għandu t-trasport marittimu fuq distanzi qosra biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-bidla modali sabiex jitnaqqsu l-konġestjoni u l-emissjonijiet relatati mat-trasport u bħala pass aktar qrib lejn mod tat-trasport b'żero emissjonijiet; jenfasizza kemm hu importanti li għal dan il-għan tiġi varata strateġija ta' tiġdid u ta' modifika retroattiva tal-flotta tal-UE biex tiġi promossa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tagħha u tiġi promossa l-kompetittività tas-settur Ewropew tat-teknoloġija marittima; ifakkar, għal dan il-għan, fil-ħtieġa li ikun hemm network ta' infrastruttura li jkun kapaċi jsostni din il-kapaċità intermodali, li jfisser li jridu jiġu ssodisfati l-impenji ta' investment għan-network tat-TEN-T fl-ambitu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE);
14. Jenfasizza li t-tisħiħ tal-konnessjonijiet tat-trasport multimodali mingħajr xkiel bejn il-portijiet u n-network TEN-T, kif ukoll it-titjib fl-interoperabbiltà bejn il-modi differenti tat-trasport, jeliminaw l-ostakli u jnaqqsu l-konġestjoni; jissottolinja l-importanza tal-portijiet marittimi u interni bħala nodi strateġiċi u multimodali tan-network TEN-T;
15. Jitlob ukoll strateġija ċara biex jiġi promoss it-trasport marittimu Roll-On-Roll-Off (RO-RO) għall-merkanzija, u b'hekk titnaqqas mit-toroq il-preżenza ta' vetturi tqal; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu passi aktar konkreti biex tgħaqqad il-politika marittima tagħha mal-għan li tevita t-trasport tad-distribuzzjoni bit-triq li jkun twil u li jagħmel ħsara lill-ambjent madwar il-kontinent, billi tinkoraġġixxi li l-konsenji jsiru eqreb lejn is-swieq tad-destinazzjoni finali permezz ta' portijiet iżgħar;
16. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tagħti tifsira lill-kunċett tal-Awtostradi tal-Baħar, bħala parti integrata tan-network tat-TEN-T, peress li huwa strumentali biex jiġu ffaċilitati l-konnessjonijiet u s-servizzi marittimi fuq distanzi qosra bħala alternattivi sostenibbli għat-trasport fuq l-art, u jistedinha tiffaċilita l-kooperazzjoni fost il-portijiet marittimi u l-konnessjoni mal-intern tal-pajjiż tagħhom billi tissimplifika l-kriterji ta' aċċess, b'mod partikolari rigward il-konnessjonijiet bejn il-portijiet li jinsabu barra min-network ewlieni, u billi tipprovdi appoġġ finanzjarju sinifikanti għall-konnessjonijiet marittimi bħala alternattiva għat-trasport fuq l-art u billi tiżgura l-konnessjoni tagħhom man-networks ferrovjarji;
17. Jemmen li settur marittimu Ewropew sostenibbli u infrastruttura li tibqa' valida fil-futur, inkluż in-network tat-TEN-T u l-estensjoni futura tiegħu, huma kruċjali biex tinkiseb ekonomija newtrali għall-klima; jišhaq li ż-żieda perċentwali fit-trasport tal-merkanzija

fuq l-ilma kif previst fil-Patt Ekoloġiku Ewropew teħtieġ pjan ta' investment konkret tal-UE u miżuri konkreti fil-livell tal-UE;

Żoni ta' kontroll tal-emissjonijiet u l-OMI

18. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti għas-saħħa u l-ambjent li tiġi stabbilita żona ta' kontroll tal-emissjonijiet tal-kubrit (SECA) li tkopri l-pajjiżi kollha tal-Mediterran; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw b'mod attiv is-sottomissjoni ta' żona bħal din lill-OMI qabel l-2022; iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjaw ukoll il-prinċipju tal-adozzjoni rapida ta' żona ta' kontroll tal-emissjonijiet tan-nitroġenu (NECA) bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tan-nitroġenu fil-Mediterran;
19. Jitlob b'insistenza lill-Kummissjoni tipprevedi l-estensjoni ta' dawn iż-żoni ta' kontroll tal-emissjonijiet għall-ibħra kollha tal-UE sabiex jintlaħaq tnaqqis uniformi fil-livelli permessi ta' emissjonijiet ta' NO_x u SO_x mill-bastimenti; jisħaq fuq il-fatt li t-tnaqqis kumulattiv fl-emissjonijiet tal-ossidi tal-kubrit u tal-ossidi tan-nitroġenu għandu effett dirett fuq it-tnaqqis tal-materja partikolata fina (PM₁₀ u PM_{2,5});
20. Jenfasizza li l-UE għandha tmexxi bl-eżempju billi tadotta rekwiżiti legali ambizzjużi għal trasport marittimu nadif filwaqt li jappoġġja u jinsisti fuq miżuri li jkun tal-inqas daqstant ambizzjużi f'forums internazzjoni bħall-OMI, li jippermettu lit-trasport marittimu jelimina gradwalment l-emissjonijiet tiegħu tal-gassijiet b'effett ta' serra fuq livell dinji u f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

Bastimenti u propulsjoni

21. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-sidien tal-bastimenti u lill-operaturi tal-bastimenti jiżguraw l-implimentazzjoni tal-miżuri operattivi u tekniċi kollha disponibbli biex tinkiseb l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari l-ottimizzazzjoni tal-veloċità, inkluż it-tbaħħir b'veloċità inqas mill-massimu fejn xieraq, l-innovazzjoni fl-ottimizzazzjoni tal-idrodinamika tar-rotot navigabbli, l-introduzzjoni ta' metodi ġodda ta' propulsjoni, bħat-teknoloġiji assistiti mir-riħ, l-ottimizzazzjoni tal-bastimenti u l-ottimizzazzjoni aħjar fi ħdan il-katina tal-loġistika marittima;
22. Jinnota li, fis-settur marittimu, sid il-bastiment mhux dejjem ikun l-istess persuna jew entità li tkun qed topera l-bastiment b'mod kummerċjali; iqis, għalhekk, li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas għandu japplika għall-parti responsabbli għall-operat kummerċjali tal-bastiment, u għandu jżomm lil din il-parti responsabbli, jiġifieri l-entità kummerċjali li tħallas għall-fjuwil li l-bastiment jikkonsma, bħas-sid tal-bastiment, il-maniġer, in-nolleġġatur bil-ħin jew in-nolleġġatur ta' basiment mingħajr ekwipaġġ;
23. Jinnota li d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tas-settur marittimu, tal-portijiet u tal-bastimenti għandhom potenzjal sinifikanti li jikkontribwixxu għal tnaqqis fl-emissjonijiet tas-settur, u għandhom rwol ewlieni fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur f'konformità mal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku, b'mod partikolari permezz ta' żieda fl-iskambji ta' data aġġornata u verifikata li tista' tintuża biex jitwettqu operazzjonijiet tekniċi u manutenzjoni, pereżempju biex jiġi previst l-aktar mod effiċjenti fl-użu tal-fjuwil biex bastiment jiġi operat fuq rotta speċifika, u għall-ottimizzazzjoni tal-ħinijiet tal-waqfa fil-portijiet, u dan jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-ħinijiet ta' stennija tal-bastimenti fil-portijiet u għaldaqstant biex jitnaqqsu l-emissjonijiet; jenfasizza l-ħtieġa li d-

diġitalizzazzjoni tintuża bħala mezz biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati fis-settur, biex b'hekk il-bastimenti jsiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw l-istandards tal-kontroll tal-emissjonijiet, u biex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tar-riskji ambjentali; jitlob azzjoni u investment fid-diġitalizzazzjoni, ir-riċerka, u l-innovazzjoni b'mod partikolari għall-iżvilupp u l-użu armonizzat transfronter tas-Sistemi għall-Monitoraġġ u l-Infurmazzjoni dwar it-Traffiku tal-Bastimenti (VTMIS); jinnota li t-tifrix tad-diġitalizzazzjoni u tal-awtomatizzazzjoni fl-industrija tat-tbaħħir se jgħib miegħu bidla fl-ispeċifikazzjonijiet tal-impjiegi individwali u l-ħiliet meħtieġa; jirrimarka li dawn il-ħiliet u l-oqsma differenti ta' għarfien, speċjalment fir-rigward tat-teknoloġija tal-infurmazzjoni, se jkunu meħtieġa mill-baħħara biex jiżguraw is-sikurezza tal-bastimenti u l-effiċjenza operattiva;

24. Jilqa' l-limitu l-ġdid tal-kontenut ta' kubrit tal-fjuwils ta' 0.5 % introdott mill-OMI fl-1 ta' Jannar 2020 u jenfasizza li dan m'għandux iwassal biex it-tniġġis, minflok fl-arja, jmur fl-ilma; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri, b'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/883, jaħdmu fil-livell tal-IMO favur kunsiderazzjoni komprensiva tal-impatti ambjentali tal-iskarikor fil-baħar tal-ilma mormi minn purifikaturi b'ċirkwit miftuħ u residwi oħra tat-tagħbija u jiżguraw li dawn jinġabru u jiġu pproċessati kif xieraq fil-faċilitajiet portwarji ta' akkoljenza; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri jistabbilixxu projbizzjonijiet fuq l-iskarikor għall-ilma mormi minn purifikaturi b'ċirkwit miftuħ u ċerti residwi tat-tagħbija fl-ilmijiet territorjali tagħhom skont id-Direttiva 2000/60/KE; jenfasizza li għandhom ikunu preferuti mill-bidu nett soluzzjonijiet sostenibbli, abbażi tal-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja; jinnota li l-iskop tal-purifikaturi b'ċirkwit miftuħ huwa biex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-arja u li jkun saru investimenti fihom; jirrikonoxxi li l-użu ta' purifikaturi b'ċirkwit miftuħ jista' jkollu impatt fuq l-ambjent u jilqa' l-fatt li l-OMI bħalissa qed tagħmel studji dwar l-impatt fit-tul tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, timplimenta abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt it-tneħħija gradwali tal-użu tal-purifikaturi b'ċirkwit miftuħ sabiex jiġu rispettati l-limiti tal-emissjonijiet, f'konformità mal-qafas tal-IMO u mal-Konvenzjoni MARPOL;
25. Jistieden lill-Kummissjoni biex fl-inizjattiva FuelEU Marittimu li se tittieħed, tintegra s-sistemi alternattivi ta' propulsjoni, bħal dawk bir-riħ u dawk bix-xemx; jistedinha tivvaluta l-inizjattivi u l-proġetti attwali tat-trasport marittimu tal-merkanzija bil-qluġ u tiżgura li s-sistemi ta' propulsjoni għat-trasport ikunu eliġibbli għall-finanzjament Ewropew;
26. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi miżuri, akkumpanjati mill-finanzjament meħtieġ, biex it-tarznari Ewropej ikunu jistgħu jagħmlu investimenti addizzjonali fil-bini sostenibbli, soċjali u diġitalizzati tal-bastimenti u fl-industrija tat-tiswija tal-bastimenti, li hija ta' importanza strateġika biex jiġu ġġenerati l-impjiegi, u b'hekk tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni lejn mudell ta' ekonomija ċirkolari li jqis iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-bastimenti; jenfasizza l-importanza li jiġu appoġġjati u żviluppjati soluzzjonijiet sostenibbli għall-bini u ż-żarmar tal-bastimenti fi ħdan l-UE b'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Ġdid għal Ekonomija Ċirkolari; jisħaq f'dan id-dawl li t-tarzni għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta fil-ktajjen ta' valur tagħhom ġewwa u barra l-UE, b'konformità mal-istandards tal-OECD u tan-NU, sabiex jiġu evitati impatti ambjentali avversi meta jiġu żarmati l-bastimenti;

Finanzjament mill-UE

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex, permezz tal-programmi tagħha ta' finanzjament Ewropej, u b'mod partikolari l-programmi Orizzont Ewropa u InvestEU, tappoġġja r-riċerka u l-użu ta' teknoloġiji u ta' fjuwils nodfa; jenfasizza l-potenzjal tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli addizzjonali, inklużi l-idroġenu ekoloġiku, l-ammonijaka u l-propulsjoni assistita mir-riħ; f'dan ir-rigward, jisħaq fuq l-implikazzjonijiet finanzjarji tat-tranżizzjoni lejn fjuwils alternattivi nodfa, kemm għall-industrija tal-bini tal-bastimenti, għall-katina tal-provvista tal-fjuwil ibbażata fuq l-art u għall-portijiet; iqis li l-portijiet huma hubs naturali ta' produzzjoni, ta' ħżin, ta' distribuzzjoni u ta' trasport ta' fjuwils alternattivi nodfa; jitlob li l-programm Orizzont Ewropa jġedded l-appelli favur proġetti tal-"Patt Ekoloġiku", varati mill-Kummissjoni fl-ambitu ta' Orizzont 2020, b'mod partikolari biex is-settur marittimu jsir ekoloġiku u biex jiġu appoġġjati r-riċerka u l-innovazzjoni u l-użu ta' alternattivi għall-fjuwils tqal li qed inaqqsu b'mod konsiderevoli l-impatt fuq il-klima u fuq l-ambjent fis-settur marittimu;
28. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel proġetti mmirati biex jiddekarbonizzaw it-trasport marittimu u jnaqqsu l-emissjonijiet li jniġġsu, inklużi l-infrastruttura u l-faċilitajiet meħtieġa tal-port, eliġibbli fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni u permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-Patt Ekoloġiku, u tagħmel disponibbli fondi u inċentivi biex is-settur marittimu jiġi appoġġjat fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'newtralità karbonika, filwaqt li tqis id-dimensjoni soċjali tat-trasformazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li jinħolqu sinerġiji u komplementarjetajiet bejn soluzzjonijiet differenti ta' finanzjament tal-UE, mingħajr ma jinholq piż amministrattiv bla bżonn, li jiskoraġġixxi l-investimenti privati għalhekk inaqqas il-progress teknoloġiku u b'hekk it-titjib tal-kosteffiċjenza; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi u tinvesti f'industrija marittima Ewropea ekoloġika fit-territorju tal-UE bħala parti mill-pjan ta' rkupru industrijali Ewropew tagħha, filwaqt li tieħu t-tmexxija fl-iżvilupp ta' bastimenti ġodda mfasla b'mod ekoloġiku, ir-rinnovazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' bastimenti eżistenti, u l-iżmantellar;
29. Iqis li kwalunkwe proċess ta' tranżizzjoni realistika lejn il-mira ta' emissjonijiet żero jrid ikun ibbażat fuq l-involviment u l-parteċipazzjoni tal-aġenti tas-settur u l-appoġġ komunitarju espress f'baġit adegwat u djalogu, flessibilità u diliġenza biex jiġu promossi r-riformi regolatorji meħtieġa; dawn il-kundizzjonijiet huma essenzjali biex jippromwovu kooperazzjoni strateġika ffukata fuq is-sostenibilità permezz ta' strumenti bħas-sħubija bi programmazzjoni konġunta dwar "trasport marittimu b'emissjonijiet żero";
30. Ifakkar li l-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni u tal-bidla modali għandhom jiġu appoġġjati mill-FNE, li għandha tibbenefika minn żieda fir-riżorsi baġitarji;
31. Jesprimi dispaċir, f'dan ir-rigward, għad-deċiżjoni tal-Kunsill li jnaqqas l-allokazzjoni baġitarja għal programmi orjentati lejn il-futur, bħall-FNE, InvestEU u Orizzont Ewropa; jinnota li l-aġenda ambizzjuża tal-UE għad-dekarbonizzazzjoni jeħtieġ li tkun appoġġjata minn finanzjament u strumenti ta' finanzjament korrispondenti;
32. Ifakkar li l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jipprovdi appoġġ għal self kapitali attraenti; iqis, madankollu, li l-livell limitu għall-finanzjament ta' proġetti fuq skala żgħira għandu jitbaxxa; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li l-programm ta' Garanzija għat-Tbaħħir

Ekoloġiku (GSG) li għandu l-għan li jħaffef l-implimentazzjoni ta' investimenti f'teknoloġiji aktar ekoloġiċi minn kumpaniji Ewropej tal-bastimenti, għandu jipprovdi wkoll appoġġ għal tranżizzjonijiet iżgħar inklużi kundizzjonijiet ta' self aktar flessibbli; jikkunsidra ukoll li l-BEI għandu jipprovdi kemm finanzjament ta' qabel il-kunsinna kif ukoll ta' wara l-kunsinna għall-kostrutturi tal-bastimenti, li jtejjeb b'mod konsiderevoli l-implimentazzjoni u l-vijabbiltà tal-proġetti;

33. Jenfasizza li l-bidla lejn id-dekarbonizzazzjoni u l-ispinta ta' skemi ta' inċentivi għall-enerġija nadifa fis-settur tat-trasport marittimu jinvolvu l-ħtieġa ta' taħriġ mill-ġdid u taħriġ tal-ħaddiema; ifakkar li l-UE u l-Istati Membri jkollhom prevedu finanzjament għal din il-kwistjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi network tal-UE biex jiġu skambjati Prattiki tajba dwar kif il-forza tax-xogħol għandha tiġi adattata għall-ħtiġijiet il-ġodda tas-settur;
34. Jappoġġja r-rieżami tal-Kummissjoni tal-linji gwida dwar l-ġhajjnuna mill-Istat fis-setturi rilevanti kollha, inkluż it-trasport u b'mod partikolari dak marittimu, sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew billi jiġi applikat il-prinċipju ta' "tranżizzjoni ġusta" u billi l-gvernijiet nazzjonali jitħallew jappoġġaw direttament l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni u fl-enerġija nadifa; jistieden lill-Kummissjoni teżamina jekk l-eżenzjonijiet mit-taxxa attwali jippermettux kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni transsettorjali iġusti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi ċarezza dwar l-ġhajjnuna mill-Istat għal proġetti ta' trasport marittimu sostenibbli;
35. Jindika l-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 għas-settur tat-trasport fuq l-ilma, speċjalment it-trasport kollettiv tal-passiġġieri; jistieden lill-Istati Membri jinkludu s-settur tat-trasport fuq l-ilma bħala prijorità fil-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru taġġhom, sabiex jiġi żgurat li jista' jkollu aċċess komprensiv għar-riżorsi allokatati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jitlob lill-Kummissjoni wkoll, tfassal inizjattivi ta' investiment intelliġenti għall-irkupru sostenibbli u reżiljenti tas-settur;

Kontroll u implimentazzjoni

36. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura t-trasparenza u d-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar l-impatt ambjentali u l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bastimenti u tivvaluta l-istabbiliment ta' skema ta' tikketta Ewropea, f'konformità mal-azzjonijiet meħuda fil-livell tal-IMO, li għandu jkollha l-għan li b'mod effettiv tnaqqas l-emissjonijiet u tassisti lis-settur billi tipprovdi aċċess imtejjeb għall-finanzjament, is-self u l-garanziji abbażi tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tiegħu u ttejjeb il-monitoraġġ tal-emissjonijiet, toħloq benefiċċji billi tinċentiva lill-awtoritajiet tal-portijiet biex jiddifferenzjaw l-imposti tal-infrastruttura tal-portijiet, u żżid l-attraenza tas-settur; barra minn hekk jenfasizza l-ħtieġa li tkompli tiġi promossa, żviluppata u implimentata aktar l-iskema tal-"bastimenti ekoloġiċi", li għandha tqis it-tnaqqis tal-emissjonijiet, it-trattament tal-iskart u l-impatt ambjentali, b'mod partikolari permezz tal-kondiviżjoni tal-esperjenza u tal-ġharfien esperti;
37. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port sa mhux aktar tard minn tmien l-2021, kif previst fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2021, biex tippermetti kontroll aktar effettiv u komprensiv tal-bastimenti u proċeduri simplifikati, inklużi inċentivi għall-konformità mal-istandards ambjentali, soċjali, tas-saħħa pubblika u tal-liġi tax-xogħol, is-sikurezza abbord il-

bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE kemm għall-baħħara kif ukoll għall-ħaddiema tal-baċiri, u l-possibilitajiet ta' sanzjonijiet proporzjonati u dissuazivi effettivi, filwaqt li tqis il-liġi ambjentali, dik tas-saħħa pubblika, dik fiskali u dik soċjali;

38. Jistieden lill-Kummissjoni biex, f'koordinament mal-ILO, iżżid il-bini tal-kapaċitajiet għall-pajjiżi terzi dwar spezzjonijiet u infurzar u tvara kampanji mas-sħab soċjali biex jiżdied l-għarfien tad-drittijiet u l-obbligi skont il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-ħolqien mill-ILO ta' bażi tad-data li jkun fiha l-konklużjonijiet tal-ispezzjonijiet u l-ilmenti tal-baħħara biex tgħin lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti jmorru għall-aktar servizzi ta' fama tajba ta' reklutaġġ u ta' impjeg konformi mal-MLC;
39. Jenfasizza l-potenzjal tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), bis-sistema satellitari tagħha SafeSeaNet, fil-monitoraġġ tat-tniġġis tal-arja u tar-rimi illegali ta' residwi tal-fjuwil fil-baħar u fl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757; jenfasizza li l-kooperazzjoni reġjonali, inkluż ma' pajjiżi terzi, hija essenzjali f'din iż-żona, speċjalment fil-Baħar Mediterran; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni fost il-pajjiżi;
40. Jenfasizza li s-sħubija prevista fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE għandha tiggarrantixxi kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni li jkunu xierqa fil-qasam ambjentali u f'dak soċjali mingħajr ma tikkawża tfixkil fil-konnessjonijiet kummerċjali tat-trasport, inklużi verifiki doganali effiċjenti, li m'għandhomx ixekklu l-kompetittività tal-flotta tal-UE u għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni bejn il-portijiet tar-Renju Unit u dawk tal-UE jimxu bla xkiel;
 - o
 - o
41. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Filwaqt li għandu rwol essenzjali fl-ekonomija Ewropea meta jitqies li 90 % tal-merkanzija tasal fl-UE bil-baħar u mill-portijiet, it-trasport marittimu huwa l-aktar element minsi fil-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u tal-leġislazzjoni tal-UE dwar it-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra. Barra minn hekk, it-trasport marittimu juża żejt tal-fjuwil tqil, li huwa wieħed mill-aktar fjuwils li jniġġsu fis-suq.

Peress li jipproduċi 940 miljun tonnallata ta' CO₂ fis-sena u 2.5 % tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra, l-isfida hija waħda konsiderevoli. Dan huwa aktar u aktar minnu minħabba li l-previżjonijiet tal-emissjonijiet futuri minn dan is-settur jiżdiedu bil-kbir bejn + 50 % u + 250 % sal-2050 jekk ma jittiħdux miżuri drastiċi.

L-impatt tas-settur fuq it-tniġġis tal-arja lanqas m'għandu jintesa, peress li għet stabbilita rabta ċara bejn il-gassijiet tal-egżost tal-bastimenti u għadd ta' mardiet kardjovaskulari u respiratorji. Kull sena fl-Ewropa, l-emissjonijiet mit-trasport marittimu jikkawżaw kważi 60 000 mewta u jiswew lis-servizzi tas-saħħa EUR 58 biljun.

Għalhekk jeħtieġ li l-emissjonijiet mit-trasport marittimu jiġu limitati u rregolati, u jeħtieġ li jiġu rregolati mhux biss l-emissjonijiet tas-CO₂ iżda wkoll l-emissjonijiet tal-kubrit, tal-metan, tal-ossidu tan-nitroġenu u tal-materja partikolata.

L-investimenti relatati mad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu jridu jsegwu wkoll il-prinċipji ewlenin tat-tranżizzjoni ġusta, bħall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja, miżuri b'saħħithom fil-qasam tas-saħħa u sikurezza għall-ħaddiema kollha.

L-għan ta' dan ir-rapport fuq inizjattiva proprja hija li jipproponi pjan direzzjonali fil-livell tal-UE b'miżuri konkreti biex jiġu limitati l-emissjonijiet mis-settur marittimu. Fl-opinjoni tiegħi, kien essenzjali li jintwera permezz ta' 'dan ir-rapport li l-livell Ewropew huwa lieva essenzjali ta' azzjoni għall-ekoloġizzazzjoni ta' dan is-settur, li wisq ta' spiss huwa meqjus bħala purament internazzjonali.

Ir-rapporteur tipproponi li jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet essenzjali sabiex it-trasport marittimu verament jiddaħħal fil-Patt Ekoloġiku.

L-enerġija hija kwistjoni ewlenija. L-użu tal-fjuwils li joriġinaw mill-enerġija rinnovabbli jeħtieġ li jsir obligatorju u aktar attraenti. Għalhekk, hija tilqa' l-pożizzjoni adottata mill-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament MRV fis-sessjoni plenarja ta' Settembru 2020, li aapoġġat l-inklużjoni sħiħa tas-settur marittimu fl-Iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (EU ETS) sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2022.

Filwaqt li r-regolamentazzjoni tal-fjuwil hija essenzjali, din trid tiġi kkombinata ma' miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet mill-bastimenti. F'dan ir-rigward, jidher importanti ħafna li r-rapporteur tinkludi fil-proposta li jmiss tal-Kummissjoni Ewropea dwar FuelEU Marittimu objettiv doppju ta' tnaqqis ta' emissjonijiet li jqis il-fjuwils iżda wkoll l-effiċjenza tal-bastimenti.

Huwa ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-bastimenti li għandna neżaminaw mill-ġdid mid-disinn tagħhom saż-żarmar tagħhom. Hija tistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni Ewropea

tistabbilixxi industrija Ewropea taż-żarmar tal-bastimenti u tieqaf tibgħat din l-attività li ultraniġġiesa lil pajjiżi terzi.

It-tnaqqis tal-impatt tas-settur marittimu fuq il-kwalità tal-arja u tas-saħħa taċ-ċittadini jeħtieġ ukoll tnaqqis fl-emissjonijiet fil-portijiet u fiż-żoni kostali. Għalhekk nappella lill-Kummissjoni Ewropea tagħmilha obligatorja li l-vapuri rmiġġati jiġu konnessi ma' alimentazzjoni ta' enerġija elettrika minn fuq l-art jew li tintuża kwalunkwe enerġija rinnovabbli oħra biex tkun tista' tintlaħaq il-mira ta' emissjonijiet żero fl-irmiġġ u biex tiġi prodotta strateġija ta' portijiet b'emissjonijiet żero.

Il-Kummissjoni ripetutament impenjat ruħha li toħroġ b'inizjattiva li tillimita l-aċċess għall-portijiet għall-vapuri li jniġġsu l-aktar. Ir-rapporteur ma tistax ħliet tinkoraġġiha tiegħu malajr dispożizzjonijiet f'dan ir-rigward, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-bastimenti l-kbar tal-kruċieri.

L-istabbiliment ta' żona ta' kontroll tal-emissjonijiet (ŻKE) fil-Mediterran kif ukoll fl-ibħra Ewropej kollha hija miżura ewlenija biex jitnaqqas l-impatt ta' dan is-settur fuq is-saħħa taċ-ċittadini, kif ukoll fuq il-bijodiversità tal-ibħra tal-UE, u biex fl-ibħra Ewropej kollha l-limiti tal-emissjonijiet ta' NO_x u ta' SO_x isiru uniformi.

Fl-aħħar nett, dawn il-bidliet jeħtieġ li jkunu akkumpanjati u appoġġati minn finanzjament Ewropew sostanzjali, immirat lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-settur u kooperazzjoni aħjar bejn id-diversi atturi li jiffurmawh.

11.11.2020

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar miżuri tekniċi u operattivi għal trasport marittimu aktar effiċjenti u aktar nadif (2019/2193(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Javi López

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi oċeani b'saħħithom u l-preservazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tagħhom huma essenzjali għall-bniedem peress li huma regolaturi klimatiċi, bħala produtturi ta' mill-inqas nofs l-ossiġenu fl-atmosfera tad-Dinja, bħala ospitanti tal-bijodiversità, bħala sors għas-sigurtà globali tal-ikel u għas-saħħa tal-bniedem, u bħala sors ta' attivitajiet ekonomiċi inklużi s-sajd, it-trasport, il-kummerċ, it-turiżmu, l-enerġija rinnovabbli u l-prodotti tas-saħħa, li għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju tas-sostenibbiltà; billi l-impatt ekonomiku totali tas-settur marittimu tal-UE ikkontribwixxa EUR 149 biljun għall-PDG tal-UE fl-2018 u jappoġġja aktar minn 2 miljun impjeg¹;
- B. billi fl-2018 l-impatt ekonomiku dirett tiegħu ammonta għal 685 000 impjeg ibbażat fuq il-baħar u fuq l-art fl-UE²;
- C. billi s-settur marittimu tal-UE kkontribwixxa għal EUR 54 biljun għall-PDG tal-UE fl-2018³;
- D. billi għal kull EUR 1 miljun tal-PDG li joħloq is-settur marittimu, EUR 1,6 miljun oħra jinħolqu x'imkien ieħor fl-ekonomija tal-UE⁴;

¹ Oxford Economics (2020): The Economic Value of the EU Shipping Industry (Il-Valur Ekonomiku tal-Industrija tat-Tbaħħir tal-UE)

² Oxford Economics (2020): The Economic Value of the EU Shipping Industry (Il-Valur Ekonomiku tal-Industrija tat-Tbaħħir tal-UE)

³ Oxford Economics (2020): The Economic Value of the EU Shipping Industry (Il-Valur Ekonomiku tal-Industrija tat-Tbaħħir tal-UE)

⁴ Oxford Economics (2020): The Economic Value of the EU Shipping Industry (Il-Valur Ekonomiku tal-

- E. billi t-trasport marittimu huwa ta' importanza strateġika, peress li 90 % tal-oġġetti jiġu ttrasportati bil-baħar mad-dinja kollha u 70 % ta' dawn l-operazzjonijiet tat-trasport marittimu jsiru fl-ilmijiet Ewropej;
- F. billi 40 % tal-flotta dinjija skont it-tunnellaġġ gross hija kkontrollata mill-UE⁵;
- G. billi l-previżjonijiet tal-emissjonijiet globali tas-CO₂ mit-trasport marittimu huma proġettati li jżiedu bejn 90 % u 130 % sal-2050 jekk inżommu l-*istatus quo*⁶; billi l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport marittimu fil-livell Ewropew huma mistennija li jżiedu b'86 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990 sal-2050, sakemm ma titteħidx azzjoni ulterjuri; billi l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport marittimu huma stmati li jammontaw għal bejn 2 % u 3 % tal-emissjonijiet globali totali tal-gassijiet b'effett ta' serra; billi l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport marittimu diġà żiedu b'9,6 % bejn l-2012 u l-2018, inkluża żieda qawwija ta' 150 % fl-emissjonijiet tal-metan minħabba ż-żieda qawwija ta' bastimenti li jużaw gass naturali likwifikat (LNG)⁷; billi, skont ir-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar it-Tisħin Globali ta' 1,5°C, hemm possibiltà ta' 66 % li nibqgħu taħt il-1,5 °C jekk l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-bidu tal-2018 'il quddiem jkunu limitati għal bejn 420 GtCO₂ u 570 GtCO₂, u possibbiltà ta' 50 % li nibqgħu taħt il-1,5 °C jekk l-emissjonijiet mill-2018 ikunu limitati għal bejn 580 GtCO₂ u 770 GtCO₂, skont ir-referenza tat-temperatura użata (medja globali tat-temperatura tas-superfiċje jew medja globali tat-temperatura osservata fl-arja tas-superfiċje), u mingħajr ma jitqiesu r-reazzjonijiet tas-sistema terrestri u diversi incertezzi⁸; billi minħabba li l-ħajja medja ta' bastiment hija ta' bejn 25 u 30 sena, id-deċiżjonijiet meħuda llum dwar it-trasport marittimu se jkunu kritiċi għal-livelli tal-emissjonijiet fl-2050; billi s-settur s'issa għadu ma ġiex inkluż fl-impenn tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra; billi l-intensità globali tal-karbonju, bħala medja fit-tbaħħir internazzjonali, hija bejn 21 % u 29 % aħjar mill-2008, imkejla bħala proporzjon annwali tal-effiċjenza (AER) u indikatur operazzjonali tal-effiċjenza enerġetika (EEOI) rispettivament⁹;
- H. billi t-trasport marittimu kellu impatti konsiderevoli fuq is-saħħa tal-bniedem, il-bijodiversità marina u l-ambjent anke permezz ta' emissjonijiet ta' tniġġis tal-arja, bħall-ossidu tal-kubrit (SO_x), l-ossidu tan-nitroġenu (NO_x); u l-materja partikolata (PM); billi t-trasport marittimu jħalli wkoll impatti fuq l-ambjent billi jikkontribwixxi għat-tibdil fil-klima u permezz ta' sorsi differenti ta' tniġġis, b'mod partikolari t-tneħħija tal-gass, it-tħaddim tal-magni fil-portijiet, l-iskariku tal-ilma tas-saborra, l-idrokarburi, il-metalli tqal u s-sustanzi kimiċi, il-kontenituri mitlufa fil-baħar u l-kollizzjonijiet maċ-ċetaċji, li bħala riżultat jaffettwaw il-bijodiversità u l-ekosistemi; billi r-regolamenti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-SO_x mill-bastimenti daħlu fis-seħħ għall-ewwel darba fl-2005 fl-ambitu tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Bastimenti (il-Konvenzjoni

Industrija tat-Tbaħħir tal-UE)

⁵ Oxford Economics (2020): The Economic Value of the EU Shipping Industry (Il-Valur Ekonomiku tal-Industrija tat-Tbaħħir tal-UE)

⁶ Ir-Raba' Studju tal-IMO dwar il-gassijiet b'effett ta' serra, 2020

⁷ Ir-Raba' Studju tal-IMO dwar il-gassijiet b'effett ta' serra, 2020

⁸ Rapport Speċjali tal-IPCC dwar it-Tisħin Globali ta' 1.5 °C, 2018.

⁹ Ir-Raba' Studju tal-IMO dwar il-gassijiet b'effett ta' serra, 2020

MARPOL) u billi l-limiti tal-emissjonijiet tal-SO_x minn dak iż-żmien 'l hawn ġew progressivament imnaqqsa, bil-kontenut massimu attwalment permess ta' kubrit ta' 0,5 % u f'żoni ta' kontroll tal-emissjonijiet imnaqqsa għal 0,1 %; billi t-tniġġis tal-arja mit-trasport marittimu huwa responsabbli għal aktar minn 50 000 mewta fis-sena fl-UE¹⁰ u għalhekk jeħtieġ li jkompli jitnaqqas;

- I. billi s-settur marittimu Ewropew għandu jikkontribwixxi wkoll biex jiġu indirizzati t-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, u għall-oġġettivi tal-Istrateġija għall-Bijodiversità l-ġdida tal-UE għall-2030;
 - J. billi s-settur tat-trasport marittimu huwa l-uniku settur tat-trasport li jibqa' mhux regolat fil-livell tal-Unjoni;
 - K. billi l-fjuwils tal-bastimenti mhumiex intaxxati; billi l-ħtiġijiet tal-elettriku abbord huma koperti mill-kombustjoni tal-fjuwils, anke meta l-bastimenti jkun rmiġġati; billi dan il-fjuwil huwa eżentat mit-taxxa, għall-kuntrarju tal-elettriku li jittieħed waqt l-irmiġġ;
1. Jenfasizza bil-qawwa li s-setturi kollha, inkluż it-trasport marittimu, iridu jikkontribwixxu b'mod sħiħ biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni dwar il-klima għall-2030 u l-oġġettiv biex tintlaħaq in-newtralità klimatika fl-UE sa mhux aktar tard mill-2050, f'konformità mal-isforzi tal-Ftehim ta' Pariġi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5° C; jindika l-ħtieġa ta' mira ambizzjuża għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-2050, ferm lil hinn mill-50 % meta mqabbel mal-2008 kif previst mill-OMI; jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti miri obligatorji għal tnaqqis lineari tal-emissjonijiet annwali ta' CO₂ għal kull unità ta' xogħol ta' trasport u li s-settur jiġi inkluż b'mod urġenti fis-Sistema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (ETS), f'konformità mal-emendi adottati mill-Parlament fis-16 ta' Settembru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex titqies b'mod xieraq is-sistema globali ta' għbir ta' data għad-data dwar il-konsum taż-żejt tal-fjuwil mill-bastimenti¹¹; jenfasizza li huwa importanti li mill-aktar fis possibbli l-UE tadotta miżuri xierqa u effettivi għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu, filwaqt li jissottolinja li l-Kummissjoni għandha tinsisti li tiżdied l-ambizzjoni, inkluż fil-livell tal-IMO, sabiex jinstabu soluzzjonijiet globali; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għandhom jinkisbu ftehimiet fil-livell globali, iżda l-Unjoni jeħtieġ li tibqa' tkun tista' tadotta miżuri aktar stretti fit-territorju tagħha;
 2. Jistieden lis-sidien u l-operaturi kollha tal-bastimenti jimplementaw il-miżuri operattivi u tekniċi kollha disponibbli biex itejbu l-effiċjenza enerġetika u jnaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport marittimu fuq terminu qasir; iħeġġeġ, b'mod partikolari, l-użu rapidu ta' miżuri bħalma huma t-tbāħħir b'veloċità mnaqqsa u l-ottimizzazzjoni tal-veloċità, il-propulsjoni mir-riħ, il-kisi antifouling, l-elettrifikazzjoni minn sorsi rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija, iżda wkoll id-diġitalizzazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-loġistika, filwaqt li jiġu applikati b'mod kostanti l-prinċipji tal-"effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u l-moderazzjoni fil-politika dwar l-enerġija; jappella għal użu akbar tal-pjan dwar il-ġestjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti (SEEMP) u tal-indiċi tal-effiċjenza enerġetika tad-disinn (EEDI); jenfasizza li l-miżuri operattivi u tekniċi attwali u

¹⁰ Brandt, J., Silver, J. D., and Frohn, L. M., "Assessment of Health-Cost Externalities of Air Pollution at the National Level using the EVA Model System. CEEH Scientific Report No 3", 2011.

¹¹ Testi adottati, P9_TA(2020)0219.

disponibbli kollha huma meħtieġa fil-perjodu ta' żmien qasir u medju iżda fuq perjodu ta' żmien twil huma meħtieġa fjuwils sostenibbli alternattivi għas-settur marittimu biex dan is-settur jikkonforma mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li l-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-modernizzazzjoni tas-settur; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi sistema ta' tikkettar olistika tal-Unjoni għall-prestazzjoni ambjentali tal-bastimenti u tistabbilixxi l-istandards tekniċi rilevanti, f'konformità mal-emendi adottati mill-Parlament fis-16 ta' Settembru 2020, sabiex jiġi inċentivat it-tnaqqis tal-emissjonijiet u tiżdied it-trasparenza tal-informazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa tikketta tat-tbaħħir Ewropea għall-prodotti, b'kooperazzjoni mas-sidien tal-bastimenti, ma' partijiet ikkonċernati oħra u ma' esperti indipendenti, sabiex il-konsumaturi jiġu infurmati dwar l-impatt ambjentali tat-trasport marittimu relatat mal-prodotti li jixtru; iqis li tikketta bħal din tappoġġja t-tranżizzjoni ambjentali u enerġetika tas-settur tat-tbaħħir billi tipprovi mod affidabbli u trasparenti biex tinforma lill-klijenti dwar inizjattivi volontarji, u tteġġegħ lill-konsumaturi jixtru prodotti ttrasportati minn sidien ta' bastimenti li naqqsu l-impatti ambjentali tagħhom filwaqt li jikkontribwixxu għal ekonomija ċirkolari, pereżempju f'termini tal-gassijiet b'effett ta' serra u ta' emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, ta' tniġġis akustiku, immaniġġjar tal-iskart u tal-ilma, abbażi tal-valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja;

3. Jissottolinja li t-teknoloġiji diġitali bħal sistemi ta' navigazzjoni aktar avvanzati u sistemi ta' identifikazzjoni awtomatiċi, jistgħu jintużaw biex jitwettqu operazzjonijiet tekniċi u ta' manutenzjoni, pereżempju biex jitbassar l-aktar mod effiċjenti fl-użu tal-fjuwil għat-tħaddim ta' bastiment fuq rotta speċifika, u b'hekk il-bastimenti jkunu aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw l-istandards ta' kontroll tal-emissjonijiet, kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tar-riskji ambjentali; jissottolinja, barra minn hekk, li d-diġitalizzazzjoni għandha potenzjal għoli fil-forma ta' teknoloġiji ġodda għall-ottimizzazzjoni tal-waqfiet fil-portijiet, u tikkontribwixxi b'hekk għat-tnaqqis fil-ħinijiet ta' stennija għall-bastimenti fil-portijiet u għalhekk tal-emissjonijiet;
4. Jinnota li l-firxa tad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni fl-industrija tat-tbaħħir se ġġib magħha bidla fl-ispeċifikazzjonijiet tal-impjeggi individwali u l-ħiliet meħtieġa; jirrimarka li dawn il-ħiliet u l-oqsma differenti ta' għarfien, speċjalment fir-rigward tat-teknoloġija tal-informazzjoni, se jkunu meħtieġa mill-baħħara biex jiżguraw is-sikurezza tal-bastimenti u l-effiċjenza operattiva;
5. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi għodda affidabbli, bħal bażi tad-data, biex jiġu vvalutati l-impatti tal-bastimenti fuq l-ambjent matul iċ-ċikli tal-ħajja kollha tagħhom, mill-produzzjoni u l-użu, sal-iżmantellar u r-riċiklaġġ; jemmen li bażi tad-data bħal din għandha tipprovi lis-settur tat-tbaħħir b'informazzjoni rilevanti dwar il-materjali, il-produzzjoni, il-konsum tal-enerġija, il-manutenzjoni u l-użu, u l-impatti tagħhom f'termini tal-effett serra, il-konsum tal-ilma, l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni tal-ilmijiet, u oħrajn, u b'hekk tippermetti lill-industrija timxi lejn bastimenti ekoloġiċi u ddisinjati favur l-ambjent filwaqt li trawwem l-innovazzjoni; jemmen li din l-għodda għandha tikkontribwixxi wkoll għal ekonomija ċirkolari għall-bastimenti u l-portijiet, u għal komunikazzjoni aħjar dwar inizjattivi sostenibbli żviluppata mis-settur, f'konformità ma' tikketta tat-tbaħħir Ewropea għall-prodotti;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta r-rilevanza u l-fattibbiltà biex tiġi stabbilita bandiera Ewropea bi standards komuni għall-għlieda kontra bnadar ta' konvenzjoni u

tappoġġja l-iżvilupp ta' standards internazzjonali li huma aktar favur is-soċjetà u l-ambjent;

7. Ifakkar li t-trasport marittimu huwa fiċ-ċentru tal-ħajja u l-iżvilupp tar-reġjuni ultraperiferiċi, f'termini ta' konnessjoni u aċċess għal oġġetti u servizzi essenzjali; jissottolinja li reġjuni bħal dawn jirrappreżentaw hotspots ta' bijodiversità, li jeħtieġ li tiġi ppreservata; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni tqis kif xieraq ir-reġjuni ultraperiferiċi fl-iskjerament ta' bastimenti aktar ekoloġiċi u l-infrastrutturi rilevanti;
8. Ihegġegħ l-iżvilupp u l-użu ta' apparat elettroniku biex jiġu prevenuti u limitati l-kolliżjonijiet maċ-ċetaċċi, bħal apparat akustiku deterrenti u sorveljanza diġitali bil-għan li jinstabu ċ-ċetaċċi u tiġi kondiviża l-informazzjoni rilevanti ma' bastimenti li jkunu qed ibaħħru fiż-żona;
9. Jenfasizza li soluzzjonijiet sostenibbli għandhom ikunu preferuti mill-bidu nett, abbażi tal-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja; jinnota li l-iskop tal-purifikaturi b'ċirkwit miftuħ huwa biex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-arja u li jkun saru investimenti fihom; jirrikonoxxi li l-użu ta' purifikaturi b'ċirkwit miftuħ jista' jkollu impatt fuq l-ambjent u jilqa' l-fatt li l-OMI bħalissa qed tagħmel studji dwar l-impatt fit-tul tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, timplimenta abbażi ta' studji xjentifiċi u l-prinċipju ta' prekawzjoni t-tneħħija gradwali u l-projbizzjoni tal-użu ta' purifikaturi b'ċirkwit miftuħ, sabiex malajr kemm jista' jkun ikunu konformi mal-limiti tal-emissjonijiet, minħabba l-impatt tagħhom fuq l-ambjent tal-baħar u l-ħtieġa għall-modernizzazzjoni ta' installazzjonijiet eżistenti; jenfasizza li t-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu u l-impatti tagħhom fuq it-tiħin globali u t-tniġġis tal-arja ma għandux jiġi implimentat b'mod li jagħmel ħsara lill-bijodiversità tal-baħar, u għandu jkun akkumpanjat minn miżuri mmirati lejn ir-restawr tal-ekosistemi tal-baħar u tal-kosta milquta mill-industrija tat-tbaħħir;
10. Ifakkar li jeżistu għodod biex tittieħed azzjoni kontra t-tneħħija tal-gass fuq il-baħar, bħall-programm Ewropew CleanSeaNet, li għandu l-għan li jidentifika u jissorvelja t-tniġġis miż-żejt u jikkontribwixxi biex ikunu identifikati dawk responsabbli mit-tniġġis; jissottolinja, madankollu, li l-każijiet ta' ksar għandhom komuni u li huma meħtieġa aktar miżuri biex jitnaqqas dan is-sors ta' tniġġis; jenfasizza li l-kooperazzjoni reġjonali, inkluż ma' pajjiżi terzi, hija essenzjali f'din iż-żona, speċjalment fil-Baħar Mediterran; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni rigward sanzjonijiet bejn il-pajjiżi, kif ukoll tinkoraġġixxi l-użu ta' infrastrutturi legali ta' tneħħija tal-gass fil-portijiet;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-investment u r-riċerka f'teknoloġiji ġodda u f'teknoloġiji ta' propulsjoni b'zero emissjonijiet u fjuwils alternattivi sostenibbli u ħżin tal-enerġija, biex jinstabu soluzzjoni fuq terminu twil għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu filwaqt li tiġi żgurata l-kompetittività tas-settur; jenfasizza, b'mod partikolari, il-potenzjal tal-elettrifikazzjoni u l-fjuwils elettroniċi bbażati fuq l-idroġenu u l-enerġija rinnovabbli ekoloġiċi bħall-ammonijaka u l-metanol; jenfasizza li l-fjuwils alternattivi ma jridux jikkontribwixxu għaż-żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra; ifakkar li l-emissjonijiet tal-metan għandhom impatt sinifikanti fuq it-tibdil fil-klima u jesprimi tħassib f'dan ir-rigward dwar l-użu tal-LNG; iqis li l-finanzjament pubbliku tal-UE għandu jintuża biss għal alternattivi li ma jirriskjawx effetti ta'

intrappolament; jitlob lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja għal proġetti li se jirċievu appoġġ, peress li dawn għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ta' ekonomija ċirkolari filwaqt li jitqiesu l-emissjonijiet kollha tal-gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll l-effetti fuq il-bijodiversità; jenfasizza li dawn il-prinċipji għandhom jinżammu wkoll fl-Inizjattiva Marittima FUEU li ġejja; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi promoss l-iżvilupp ta' bastimenti ekoloġiċi ddisinjati favur l-ambjent, li jvarjaw minn disinji tal-buq u tal-magni, għal immaniġġjar aħjar tal-iskart u tal-ilma, żebgħa u materjali, u biex jiġi inkoraġġit it-trasferiment tat-teknoloġija f'dawn l-oqsma;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi u tinvesti f'industrija Ewropea ekoloġika tat-tbaħħir fit-territorju tal-UE bħala parti mill-pjan ta' rkupru industrijali Ewropew tagħha, filwaqt li tiegħu t-tmexxija fl-iżvilupp ta' bastimenti ġodda mfassla b'mod ekoloġiku, ir-rinnovazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' bastimenti eżistenti, u l-iżmantellar; jenfasizza li l-UE għandha tiffoka fuq l-immodernizzar u l-ekoloġizzazzjoni tat-tarzni tal-bini tal-bastimenti, f'konformità mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
13. Ifakkar li ż-żmantellar tal-bastimenti huwa settur li fil-biċċa l-kbira tiegħu jinsab barra l-UE, u li ġeneralment isir f'kundizzjonijiet ta' xogħol u ambjentali foqra, u b'hekk jikser id-drittijiet tal-bniedem, u għandu impatti negattivi kemm fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll fuq l-ekosistemi tal-baħar; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tindirizza l-lakuni fl-iżmantellar tal-bastimenti fil-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni, li b'mod partikolari tonqos milli twaqqaf lis-sidien tal-bastimenti Ewropej milli jbiddu l-bandiera tal-bastimenti tagħhom jew milli jbigħuhom, qabel l-iżmantellar; jenfasizza, madankollu, li l-UE ma għandhiex faċilitajiet li huma kapaċi jżmantellaw bastimenti fit-territorju tagħha, speċjalment dawk ta' daqs ikbar; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, jippromwovu u jinvestu sabiex jiġi stabbilit network Ewropew ġenwin tal-iżmantellar tal-bastimenti, li jirrispetta l-kriterji soċjali u ambjentali, bħala parti mill-Pjan għall-Irkupru Industrijali Ewropew tiegħu;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta mingħajr telf ta' żmien l-impenn li tirregola l-aċċess ta' bastimenti li l-aktar inieġsu fil-portijiet u tobbliga l-bastimenti rmiġġati jużaw l-infrastruttura ta' ċċarġjar u ta' riforniment, bħall-elettriku mix-xatt, biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u ta' tniġġis tal-arja meta rmiġġati, u jintlaħaq l-oġġettiv ta' emissjonijiet zero waqt li jkunu rmiġġati kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-2030, u b'hekk jiġu protetti ż-żoni kostali u l-popolazzjonijiet tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi biex tinkludi miri vinkolanti għal kull Stat Membru u inċentivi għall-portijiet sabiex jiżdied l-użu tal-infrastruttura meħtieġa kemm jista' jkun malajr; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri jimmodernizzaw il-portijiet u biex l-Istati Membri jiżguraw li l-portijiet tal-UE jkollhom infrastruttura adegwata fis-seħħ li tippermetti li t-tbaħħir jersaq lejn zero emissjonijiet waqt li l-bastimenti jkunu fil-port;
15. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżgura l-użu ta' fjuwils sostenibbli promettenti meta ssir reviżjoni futura tad-Direttiva 2003/96/KE dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija¹²;
16. Jissottolinja r-rwol pożittiv li ż-żoni ta' kontroll tal-emissjonijiet (ECAs) kellhom fuq l-ambjent u s-saħħa pubblika; jissottolinja l-importanza li l-ECAs jiġu estiżi għall-ibħra

¹² ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

kollha tal-UE, ibda mill-ECAs eżistenti fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baħar Baltiku, peress li dawn jirrapreżentaw għodda essenzjali biex jiġi limitat it-tniġġis tal-arja u tal-ilma mit-trasport marittimu u jikkontribwixxu biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima globali; jistieden lill-partijiet kollha jaqblu b'mod rapidu dwar ECA għall-Mediterran, peress li dan ibati minn sorsi kroniċi ta' tniġġis b'effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-bijodiversità tal-baħar, b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-SO_x u l-NO_x mill-bastimenti; jirrikonoxxi l-importanza tal-kontrolli flimkien mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti u jistieden lill-OMI tappoġġja wkoll lill-pajjiżi barra mill-Unjoni biex tiżgura il-konformità mal-limiti tal-ECA; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-possibilità li telimina gradwalment l-użu taż-żejt tal-fjuwil tqil u r-riforniment fuq l-ilmijiet u fil-portijiet Ewropej;

17. Jilqa' l-fatt li l-OMI ppjanat li fl-2021 taqbel dwar regolament globali dwar il-limitazzjonijiet tal-hekk imsejħa "emissjonijiet tal-karbonju iswed" u jenfasizza u jappoġġja l-possibbiltà li jintlaħaq ftehim dwar il-projbizzjoni tal-użu ta' żejt tal-fjuwil tqil b'emissjonijiet għoljin fl-Artiku;
18. Jenfasizza li l-UE għandha tmexxi bl-eżempju billi tadotta rekwiżiti legali ambizzjużi għal trasport marittimu nadif filwaqt li jappoġġja u jinsisti fuq miżuri li jkun tal-inqas daqstant ambizzjużi f'forums internazzjoni bħall-OMI, li jippermettu lit-trasport marittimu jelimina gradwalment l-emissjonijiet tiegħu tal-gassijiet b'effett ta' serra b'mod globali malajr kemm jista' jkun u f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	29.10.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 67 -: 6 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nikos Androulakis, Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurelia Beigneux, Monika Beňová, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Marco Dreosto, Eleonora Evi, Agnès Evren, Fredrick Federley, Pietro Fiocchi, Catherine Griset, Jytte Guteland, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Petros Kokkalis, Athanasios Konstantinou, Joanna Kopcińska, Sylvia Limmer, Javi López, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Joëlle Mélin, Tilly Metz, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Dan-Ștefan Motreanu, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O’Sullivan, Jutta Paulus, Jessica Polfjärd, Luisa Regimenti, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Rob Rooker, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Linea Søgaard-Lidell, Nicolae Ștefănuță, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Arena, Manuel Bompard, Antoni Comín i Oliveres, Margarita de la Pisa Carrión, Sven Giegold, Jens Gieseke, Nicolás González Casares, Christophe Hansen, Laura Huhtasaari, Ondřej Knotek, Róża Thun und Hohenstein

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

67	+
PPE	Bartosz Arłukowicz, Traian Băsescu, Alexander Bernhuber, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Agnès Evren, Jens Gieseke, Christophe Hansen, Adam Jarubas, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Dolores Montserrat, Dan-Ștefan Motreanu, Ljudmila Novak, Jessica Polfjärd, Christine Schneider, Róża Thun und Hohenstein, Edina Tóth, Pernille Weiss, Michal Wiezik
S&D	Nikos Androulakis, Maria Arena, Marek Paweł Balt, Monika Beňová, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nicolás González Casares, Jytte Guteland, Javi López, Alessandra Moretti, Sándor Rónai, Günther Sidl, Tiemo Wölken
RENEW	Pascal Canfin, Fredrick Federley, Martin Hojsík, Jan Huitema, Ondřej Knotek, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Nicolae Ștefănuță, Linea Søgaard-Lidell, Nils Torvalds, Véronique Trillet-Lenoir
ID	Aurelia Beigneux, Catherine Griset, Joëlle Mélin
VERTS/ALE	Margrete Auken, Sven Giegold, Pär Holmgren, Yannick Jadot, Tilly Metz, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus
GUE/NGL	Malin Björk, Manuel Bompard, Anja Hazekamp, Petros Kokkalis, Mick Wallace
NI	Antoni Comín i Oliveres, Eleonora Evi, Athanasios Konstantinou

6	-
ID	Simona Baldassarre, Marco Dreosto, Laura Huhtasaari, Sylvia Limmer, Luisa Regimenti, Silvia Sardone

7	0
ECR	Sergio Berlato, Margarita de la Pisa Carrión, Pietro Fiocchi, Joanna Kopcińska, Rob Rooken, Alexandr Vondra, Anna Zalewska

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	25.2.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 -: 0 0: 17
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Marco Campomenosi, Massimo Casanova, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Andor Deli, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Ismail Ertug, Gheorghe Falcă, Giuseppe Ferrandino, João Ferreira, Mario Furore, Søren Gade, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Elena Kountoura, Julie Lechanteux, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Giuseppe Milazzo, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Dominique Riquet, Dorien Rookmaker, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Clare Daly, Carlo Fidanza, Marianne Vind

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

32	+
ECR	Carlo Fidanza, Peter Lundgren, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
PPE	Magdalena Adamowicz, Andor Deli, Gheorghe Falcă, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Giuseppe Milazzo, Cláudia Monteiro de Aguiar, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Barbara Thaler, Elissavet Vozemberg-Vrionidi
Renew	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Dominique Riquet
S&D	Andris Ameriks, Ismail Ertug, Giuseppe Ferrandino, Isabel García Muñoz, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, István Ujhelyi, Petar Vitanov

0	-

17	0
ID	Marco Campomenosi, Massimo Casanova, Julie Lechanteux, Philippe Olivier, Lucia Vuolo
NI	Mario Furore, Dorien Rookmaker
S&D	Vera Tax, Marianne Vind
The Left	Clare Daly, João Ferreira, Elena Kountoura
Verts/ALE	Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Tilly Metz

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni